# STEJJER MILL-KOTBA MQADDSA ANTIK TESTMENT

## GUZEPPI U L-LIBSA TA' HAFNA KULURI.

Mill-hdax ulied li kellu Gakobb kien ihobb b'imhabba specjali liz-zghir, Guzeppi, li issa kien zghzugh imfarfar. Guzeppi kien bniedem tajjeb u fidil lejn missieru.



Gakobb riedu juri din l-imhabba lejn Guzeppi billi tah libsa mahduma minn drapp ta' hafna kuluri. Dan il-gest li kien juri l-marka specjalita' missierhom lejn huhom qanqal l-ghira ta' l-ahwa kollha kontrih.

Gie li Guzeppi li kien bniedem li jaghmel dak li hu tajjeb, kien jghid lil missieru dwar xi hwejjeg hziena li huhtu kienu jaghmlu. Dan ukoll kien iqanqal rabja kbira ghalih. Imma l-aktar li kienu jobghoduh ghaliex irrakontalhom zewg holmiet stambi li kellu. Jum wiehed qalilhom: " Hlomt li lkoll konna qeghdin fl-ghalqa norbtu l-qamh faxxex faxxex meta

l-faxxa tieghu waqfet dritta dritta u l-faxxex taghkom kollha gew madwarha u inkinaw quddiem dik tieghi."



U huma kollhom qilla qalulu: "Jaqaw ma intix tahseb li xi jum wiehed inti ser tigi fuqna u tikkmandana, hux hekk?"

Wara xi granet Guzeppi rega' qalilhom b'holma ohra li kellu: "Hlomt li l-qamar u hdax –il kewba ilkoll ghamlu inin quddiem ix-xemx."

Missieru widdbu: " Guzeppi ma nixtiqikx li tkompli tohlom dan il-holm stramb. Forsi, jiena, ommok u hutek ser nigu quddiemek u nbaxxu rasna bhallikieku inti kont xi sultan.?"

Fuq hekk hutu kienu jobghoduh u kienu jkellmuh bil-herra, imma missieru kien jithasseb fuq dak li kien jghid Guzeppi.

Jum wiehed Gakobb xtaqikun jaf kif inhuma wliedu billi dawn hadu l-merhliet taghhom jirghaw fl-ghelieqi qrib Sikem, xi hamsin mil boghod minn fejn Gakobb kellu t-tined tieghu. Ghalehkk sejjah lil Guzeppi  u mieghu baghatilhom messagg biex jara li kollox miexi sew u li huma jinsabu qawwijin u shah.

Guzeppi obda minn missieru u telaq lejn Sikem.  Hemm ma sabhomx u staqsa lil wiehed ragel, li kien qed jitlajja fl-ghelieqi, fejn kienu t-tfal ta' Gakobb bil-merhliet taghhom. "Smajthom jghidu li marru lejn Dotan".

U hekk Guzeppi kellu jivvjagga aktar fil-boghod biexisibhom u jatihom il-messagg ta' missierhom. Meta huma lemhuh mill-boghod qalu: " Ara gej dak li johlom. Ejjew noqtluh u nitfghu gismu fil-bir u nghidu lil missierna li xi annimal selvagg attakkah u kielu. Imbaghad naraw xi jservi l-holm tieghu."



Wiehed minn hutu jismu Ruben, li kien ihobbu ried juri tjubija mieghu u qal lil hutu: " Le ma noqtluhx imma nitfghuh fil-bir u nhalluh imutu."

Dan qalu mhux ghax ried jaghmel hekk lil huh Guzeppi, imma biex meta hutu l-ohra jitbieghdu huwa jtellghu mill-bir u jiehdu lura ghand missieru. Hutu qablu mieghu u xehtu lil huhom Guzeppi fil-bir, minkejja li dan talabhom bi;l-hniena li jsalvawh u jhalluh imur lura ghandu missieru. U waqt li Guzeppi kien jitlob bil-hniena mill-fond tal-bir bla ilma, hutu qaghdu bil-qieghda jieklu bil-kalma iqisu qatt ma gara xejn.

Wara l-pranzu, Ruben illarga minn ma' hutu, imma ma kienx prezenti ma' hutu meta grupp ta' merkanti ghaddew minn hdejhom b'iglma mghobbija b'hafna prodotti biex jinnegozjawhom fl-Egittu.





Guda, wiehed iehor minn hut Guzeppi qal: "X'sejrin niedhu jekk noqtluh? Mhux ahjar inbieghuh lil dawn il-merkanti u nehlisu minnu.  Wara kollox hu huna u billi noqtluh ma ser niehdu xejn."

Hutu qablu mieghu.  Waqqfu lil dawn il-merkanti, tellghu lil Guzwppi mill-bir u bieghuh ghal ghoxrin bicca tal-fidda lil dawn il-merkanti li haduh maghhon gewwa l-Egittu.

Meta gie lura Ruben, mar jittwwal fil-bir u ma sabx lil huh hemm. Rubendaha;l f'inkwiet kbir.

Imma hutu qalulu x'kienu ghamlu; ilkoll qablu li issa jehtieg li jqarrqu b'missierhom Qabdu moghza u qatluha u bid-demm taghha cappsu l-libsa ta' fuq ta' Guzeppi. Gabuha lil missierhom u qalulu li sabu l-libsa fit-triq imcappsa bid-demm' Gakobb gharaf dik l-libsa bhal dik li kien taha li ibnu Guzeppi. "Xi annimal selvagg attakkah u kielu.  Ma hemmx dubju li ibni miet imtertaq minn dan l-annimal feroci,"qal Gakobb lil uliedu. Gakobb iddispjacih li baghat lil ibnu fuq dak il-vjagg; hutu kienu jafu li Guzeppi ma kienx mejjet imma ma kienux ser jghidu lil missierhom b'dak li kienu ghamlu, li bieghuh ilsir.

## WIEGEB DAWN IL-MISTOQSIJIET

1. X'kien jismu missier Guzeppi u ghaliex kien ihobbu aktar minn hutu l-ohra?
2. Ghaliex hut Guzeppi kienu jobghoduh?
3. X'ghamluhu biex ipattuhielu?
4. Kif ipperswadu lil missierhom fuq l-ghabien ta' huhom Guzeppi?
5. Kemm xtrawh il-merkanti lil Guzeppi?